MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1746/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Ian Zahra**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm321.99), rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Mejju, 2001 u Dicembru, 2001;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 t'April, 2002, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Peter Sammut li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm321.99) bl-imghax li jibdew jiddekorru mit-23 t'April, 2002, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 t'April, 2002, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**